**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**CHAIRPERSON: Dr. Yana Micallef Stafrace**

**Decizjoni Nru: 2278**

Kaz Nru.: 2884/YMS

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn:-

Marilyn Galea

Vs

American International Contractors (Special Projects Ltd) Inc.

Illum: It-Tnejn, 17 ta' Marzu, 2014

**It-TRIBUNAL**

I PRELIMINARI

1. Ir-Rikorrenti Marilyn Galea, b'Rikors tas-7 ta' Marzu 2011 qeghda tikkontesta r-raguni ta' *redundancy* li nghatat ghat-tmiem tal-impieg taghha minn mal-kumpanijia Intimata (li kienet taghmel xoghol ta' bini tal-Ambaxxata Amerikana gdida f'Ta' Qali)

2. Fir-Rikors imsemmi jintqal hekk:-

   a) Ir-Rikorrenti giet impjegata bhala *Senior Secretary* mas-socjeta' b'effett mill-10 ta' April 2008. L-impieg gie terminat b'ittra tal-14 ta' Dicembru 2010 b'effett mit-13 ta' Jannar 2011 ghar-raguni allegata ta' *redundancy*. Din ir-raguni kienet skuza sabiex "tigi gustifikata d-decizjoni arbitrarja u ngusta" tal-kumpanija. Hawn intalab li dan it-TRIBUNAL jisma l-kaz bl-urgenza billi l-kumpanija mistennija tittermina l-operazzjoni taghha f'Malta f'Gunju 2011. Ir-Rikorrenti spiccat biex talbet **rimedju xieraq** u **opportun** skond il-ligi.

3. Mehmuz mar-Rikors hemm id-dokumenti li huma rispettivament hekk:-

   MG1: kundizzjonijiet tax-xoghol miftehma datat 04.04.2008
   MG2: *Engagement form* tal-ETC
   MG3: *Termination Notice* datata 14.10.2010
   MG4: *Termination Form* tal-ETC

4. Fid-Dikjarazzjoni tal-Fatti, ir-Rikorrenti tghid dak li hemm fid-Dok MG1 – 4. Ziedet tindika li l-kumpanija kellha ttemm l-operazzjoni taghha f'Malta l-iktar kmieni f'Gunju 2011, possibilment hafna wara u li hi kienet l-unika *Senior*

*Secretary* mal-kumpanija u d-dmirijiet taghha jibqghu mehtiega sa tmiem l-operazzjoni. Ziedet li r-regola *last-in, first-out* ma gietx osservata ghax kien hemm segretarja mpjegata fuq kuntratt definitiv wara r-Rikorrenti li inzammet fl-impieg ‘l hinn mit-terminu tal-kuntratt taghha waqt li fil-kaz tar-Rikorrenti ssemmet ir-*redundancy*. Ir-Rikorrenti kienet l-unika mpjegati taghmel ix-xoghol imsemmi fil-*job description* taghha liema xoghol kien mehtieg mill-kumpanija sa ma din tieqaf topera. Ghalhekk ir-raguni tar-*redundancy* kienet wahda fittizja.

5. Fit-TWEGIBA taghha l-kumpanija cahdet l-allegazzjoni ta’ tkeccija ngusta u ta’ nuqqas ta’ osservanza ta’ *last-in, first-out*. Ghalhekk talbet li tigi michuda t-talba tar-rikorrenti.

6. Mat-twegiba hemm dijarazzjoni ta’ x’kien xoghol ir-Rikorrenti. Inghataw dettalji ta’ jiem u hinijiet tax-xoghol u hlas ta’ *overtime* kif ukoll il-frank, hlas waqt il-mard u bonuses. Is-salarju gross fix-xahar (inkluz *overtime* fiss) kien ta’ €2,000.00c b’zieda tal-COLA.

7. Il-hsieb tal-kumpanija kien li timpjega b’kuntratt definitiv izda billi ma kienux jafu meta jitlesta l-progett l-istaff lokali kien offrut kuntratt definitiv “however stipulating that the contract had a time frame based on the needs of the project”.

8. Ghall-ewwel ir-Rikorrenti nghatat xoghol fl-Attard Head Office. Xoghlha kien:-

   a) Tqassam il-posta li tidhol.
   b) Tittajpja u tirregistra l-posta li tohrog.
   c) Tirregistra l-posta li tigi minghand u tmur ghand il-klijenti.
   d) Tiehu hsieb li *stationery*
   e) Tiehu hsieb il-*work permit* tal-*expatriates*

   F’Lulju 2008 ix-xoghol zdied u mpjegaw persuna ohra. F’Settembru 2008 il-*managers* u *staff* lokali mxew ghall-Embassy (Amerikana) ir-Rikorrenti maghhom. Hi kienet *answerable* lill-*project manager* u akkwistat esperjenza fl-industrija tal-kostruzzjoni. Ghalhekk kienet taf li “any construction contractual agreement would be limited to a specific date”. Il-progett li kellhom f’idejhom kien mistenni jkun lest sa Jannar 2010 izda din il-mira ma ntlahqietx u l-bicca l-kbira tal-*office staff* inzamm.

9. Meta beda ghaddej iz-zmien ix-xoghol ghall-attrici naqas tant li meta twaqqfet mix-xoghol ma ntalbet tati ebda *handover*. Fit-tieni nofs tal-2010 il-kumpanija bdiet tnaqqas li staff billi tati *notice* jew ma ddahal lil hadd flok min jitlaq. Dana fil-gradi kollha u kulhadd thallas skond il-ligi.

10. Ir-*redundancy* tar-Rikorrenti kienet parti minn dal-process. Billi l-kumpanija ma kellha ebda progett iehor f’Malta, ma setghetx toffri xoghol alternativ.

II PROVI

1. Hawnhekk qed jitnizzlu l-provi ewlenin fil-qosor u ghalhekk wiehed irid jaghmel referenza ghall-provi kollha mressqa quddiem it-TRIBUNAL.

2. **<u>Jennifer Debono</u>**, *Senior Executive* fl-ETC, esibit id-dokumenti JD1-2, rispettivament l-*Employment History* tar-Rikorrenti u taghrif dwar l-impjegati l-ohra kollha tal-kumpanija.

3. Ikkonfermat li mal-kumpanija bhala *Senior Secretary* kien hemm ir-Rikorrenti biss kif jirrizulta taht l-S fil-lista tal-impjegati (Dok JD2). Hawn hu ndikat "redundancy" bid-data 13.01.2011. Mal-kumpanija bhala *Senior Secretary* kien hemm ir-Rikorrenti biss sew qabel kif ukoll wara li din spiccat l-impieg. F'din il-lista jnizzlu l-ewwel pozizzjoni tal-impjegat u jekk ikun hemm promozzjoni, min ihaddem suppost jgharrafhom. Bdil minn pozizzjoni ghal ohra tigi notata biss jekk jgharrfuhom biha.

4. **<u>Louis Bonnici</u>** kien impjegat *part-time* responsabbli ghal affarijiet lokali bhal taxxa u VAT, kuntratti mal-haddiema u ETC.

5. Il-kumpanija hi f'Malta registrata mal-MFSA bhala fergha ta kumpanija Amerikana u giet biex taghmel bini fl-ambaxxata gdida Amerikana. Il-prezenza f'Malta tiffacilitalha l-inkarigi taghha. Xoghlha kien dak biss. Certu xoghol kien ghal tim Malti li minnu kienet taghmel sehem ir-Rikorrenti li bdiet b'*secretarial duties* fl-ufficcju ta' H'Attard. Wara min mar fuq is-*site* tal-Embassy u ohrajn baqghu H'Attard sa ma kollha marru fuq is-sit. Fi zmien l-attrici hadd ma dahal jaghmel xoghlha; wara dahal xihadd mal-*commercial manager*. Imbaghad ix-xhud ghadda biex spjega d-Dok MG1 dwar kondizzjonijiet tax-xoghol tar-Rikorrenti.

6. Il-kuntratt kien bejn il-Gvern Amerikan u l-kumpanija u meta sar id-Dok MG1 id-data tat-tlestija tax-xoghol kienet ghadha qed tigi diskussa. Probabilment ir-Rikorrenti kienet taf b'dan billi kellha konnessjoni mal-OBO (i.e. ir-Rapprezentant tal-klijent, jigifieri l-Ambaxxata li jkunu grupp ta' nies bla isem partikulari). Din kienet xihaga maghrufa.

7. Kienu ssemmew Jannar 2010, u l-4 ta' Ottubru 2010 u d-data ma ntlahqitx u kien hemm penali. Ghamlu *schedule* ta' tnaqqis ta' nies biex jonqsu l-ispejjes u r-Rikorrenti kienet parti minn dal-process.

8. Meta marret fuq is-sit, ir-Rikorrenti kienet tirraporta lill-*Project Manager*. Fil-process tat-twaqqif tan-nies, ix-xoghol lir-Rikorrenti kien sar zghir hafna u ma kienx vijabbli li tibqa.

9. Spjega li l-paragrafu fid-Dok MG1 dwar ix-xorta ta' mpieg "qieghed jindika li dan ma kienx *hundred per cent indefinite contract* imma kien marbut mal-progett. Mhux ghal dejjem ta' dejjem. Mistoqsi dan giex spjegat lir-Rikorrenti qal li hu ma kienx prezenti. Meta gie biex jintemm l-impieg taghha ma setghetx tigi rilokata x'imkien iehor.

10. In kontro-ezami qal li dwar *assignment of duties* kien infurmat, mhux inkarigat. Kien ikun *on site* is-Sibt, gieli fost il-gimgha wkoll. Ir-Rikorrenti kienet l-ewwel impjegata tas-Socjeta' Intimata. Semma d-doveri taghha u hawn wiehed jista jara d-dettaliji fir-RISPOSTA tal-kumpanija, u kkonferma l-esperjenza taghha precedenti skond is-CV taghha.

11. Ikkonferma li meta r-Rikorrenti giet trasferita ghal *on site*, dak in-nhar giet mpjegata Anita Cutajar bhala assenjata mal-*Commercial Manager*. Allura r-Rikorrenti marret mal-*Project Manager* u xoghlha ta' qabel bdiet taghmlu Anita Cutajar bla ma seta jixhed dwar dettalji. Mal-*Commercial Manager* kienet tiehu hsieb xoghol ta' *shipping* liema xoghol baqa ghaddej sal-ahhar u dana f'ammont mhux hazin.

12. Huma bdew inaqqsu n-nies ftit ftit minn Marzu 2011 u l-operazzjoni kollha twaqqfet f'Mejju 2011. Kien hemm perjodu bejn li tlesta x-xoghol u taw *handover* lill-ambaxxata – ftit xhur. L-Ambaxxata giet inawgurata f'Lulju 2011. Ma jafx li meta giet impjegata Anita Cutajar, ir-Rikorrenti kienet tatiha xi tahrig.

13. Issemma Rami Garbija, li ntbaghat Malta mill-kumpanija biex jiehu hsieb xi rapport tal-ahhar inkluz xi xoghol li qabel kienet taghmlu r-Rikorrenti. Meta kien jixhed ix-xhud, dan Rami Garbija kien fuq xoghol tal-kumpanija fl-Egittu. Meta r-Rikorrenti ntemmilha l-impieg, Anita Cutajar saret *part time*.

14. Ikkonferma li fil-kuntratt, sa mill-bidunett ir-Rikorrenti kienet deskritta bhala *Senior Secretary*. Fil-kumpanija dan Garbija kien "sort of hafna higher" u jaghmel xoghol ta' *liason* mal-klijent li kien il-Gvern Amerikan.

15. **Ioannies Chrysafis**, cittadin Grieg beda biex xehed b'affidavit izda wara kien prezenti fis-seduta tat-TRIBUNAL ghall-kontro-ezami. Beda biex fahhar il-hila tal-haddiema Maltin u zied li l-impieg tieghu mal-AICI-SP intemm fit-12 ta' Settembru 2011. Meta gie Malta fl-ewwel xhur tal-2008 l-inkarigu tieghu kien li jwaqqaf fergha tal-kumpaniija f'Malta u jimpjega staff Malti sa ma jkun ghaddej il-progett. Kien inkarigat ifittex impjegat "with secretarial background to help me set up the office and be involved in secretarial tasks". Billi ma kienux certi 100% meta l-progett jitlesta nghata parir li jimpjega nies b'*indefinite contract* imma jghidilhom li s-servizzi taghhom ikunu marbuta mad-durata tal-progett.

16. Wara xi ntervisti hu ghazel lir-Rikorrenti li ga kellha esperjenza f'xoghol ta' kostituzzjoni u "I had made it very clear to her that I was looking for a person for a period of approximately two years to work at the site as a secretary" u spjegalha dmirijietha. Enfasizza (fix-xhieda uza l-kelma: **adamant**) li kien jistenna li l-impieg jintemm fi zmien sentejn u "her answer was that she was well aware of it and it was acceptable to her".

17. Sa ma nbeda *on site office* f'Ta' Qali, operaw minn H'Attard. Hass il-htiega li jimpjega persuna ohra "to handle mainly the administrative issues" u fuq

rakkomandazzjoni tar-Rikorrenti nghazlet Anita Cutajar li kellha esperjenza ta' xoghol ta' bini u htigiet ta' mpjegati barranin. F'H'Attard id-distinzjoni bejn id-dmirijiet tal-wahda u l-ohra kienu cari: r-Rikorrenti tahdem qrib id-dipartiment tal-ingnerija u l-ohra qrib id-dipartiment kummercjali. Dan kien ifisser li meta tlesta l-*onsite office* f'Ta' Qali r-Rikorrenti mxiet ghal hemm.

18. Sas-sajf 2007 iz-zewg dipartimenti baqghu fizikament separati imma mbaghad dak ta' H'Attard mexa lejn Ta' Qali wkoll, imma kulhadd fuq xoghlu.

19. Ix-xoghol kellu jitlesta sa Jannar 2010 imma dan ma sehhx u sahansitra ziedu n-nies biex jithaffef ix-xoghol u fis-sajf 2010 kienu "full capacity". Huma bdew jinkorru l-penaltajiet u jitilfu l-flus. Settembru 2010 kien it-"turning point" u xi mpjegati rrizenjaw bla ma hadd dahal flokhom u bejn Settembru u Ottubru bdew inaqqsu n-nies.

20. F'Ottubru 2010 ix-xoghol tar-Rikorrenti beda jonqos. Hawn ir-Rikorrenti nghatat avviz ta' xahar skon il-ligi. Ma kien hemm htiega ta' ebda *handover* u hadd ma gie mpjegat biex jimla postha. Kien hemm zmien meta kien hemm xi 70 haddiem Malta u kien hemm atmosfera ta' rispett reciproku.

21. Kontro-ezaminat, Ioannis Chrysafis qal li meta lestew ix-xoghol f'Ta' Qali, il-kumpanija telqet minn Malta u spiccaw l-impjegati kollha. Ix-xoghol ittardja. Is-"substantial completion" kienet f'Mejju 2011. L-impieg tar-Rikorrenti kellu jdum sakemm id-doveri taghha kienu mehtiega.

22. Fil-kontro-ezami ftit li xejn hareg gdid minn dak li ma jirrizultax mix-xhieda ga msemmija aktar 'l fuq principalment dwar x'kien xoghol ir-Rikorrenti. Ghalhekk a skans ta' repetizzjoni jigu senjalati xi punti godda biss. Semma xi xoghol li kienet taghmel Stephanie Farrugia u li telqet mill-impieg qabel ir-Rikorrenti. Qal li r-Rikorrenti kienet rakkomandata minn David Abela li kien konsulent fl-inginerija elettrika. Tenna li r-Rikorrenti kienet taf li x-xoghol kellu "completion date". Kien qalilha, u hi qaltlu li fehmitu li "it's going to be a short term of employment". Tenna li Anita Cutajar xogholha ma kienx biss ma *shipping* imma wkoll "administrative issues and imports". Cutajar kellha qabel esperjenza mal-Ambaxxata Taljana.

23. Hu ma jafx kif il-Perit Abela kien jaf lir-Rikorrenti imma minnu sar jaf bl-esperjenza tar-Rikorrenti fi progetti simili bhal dak tal-kumpanija Intimata. Ix-xhud kien involut fit-trasferiment tar-Rikorrenti lejn Ta' Qali.

24. Ghalkemm Cutajar kellha xoghol ta' mportazzjoni ta' materjal ghall-bini ma jfissirx li xoghlha spicca sa minn qabel tlesta x-xoghol tal-bini. Kien hemm aktar mill-*construction per se*. Kien hemm anke gejjin *containers* bi *spare parts* li riedu jghaddu lill-Ambaxxata. Qal li anke meta kien jixhed (24.12.2012) xi korrispondenza mal-Ambaxxata kienet ghadha ghaddejja. Meta spiccat ir-Rikorrenti 99% tax-xoghol kien lest. Ma jaf b'ebda "handover" lil Rami Garbija.

25. Ikkonferma li f'April 2011 Cutajar kienet ghadha tahdem u xoghlha kien li taghlaq certi *issues* dwar tbattil mir-residenzi, affarijiet mal-Melita u l-Go, taghlaq kontijiet, banek ecc.

26. Mistoqsi qattx offra xoghol *part-time* lir-Rikorrenti, qal li safejn jaf hu sal-2011 hi ga kienet mal-Arriva.

27. Meta sar id-Dok MG1 fl-04.04.2008 il-ftehim kien li x-xoghol jitlesta sa Jannar 2010. Ir-Rikorrenti spiccat wara. Safejn jaf hu l-uniku mpjegat "supporting" fl-inginerija kienet ir-Rikorrenti. Meta r-Rikorrenti marret Ta' Qali u Cutajar baqghet H'Attard, ir-Rikorrenti ma ghamlet ebda lment. Qatt ma qalet li riedet taghmel xoghol Cutajar.

28. <u>**L-Electrical Engineer David Abela**</u> qal li sa mill-1980 kien, f'Malta u barra minn Malta, fuq xoghol ta' konsulent f'siti ta' kostruzzjoni. Sar jaf lir-Rikorrenti fl-2003/2004 meta mpjegat ruhha mad-ditta Svediza ABB li kienu jistallaw l-elettriku f'MATER DEI. Hawn hu kien il-*warrant engineer*. Hi dahlet mal-*production department* u kellha f'idejha amministrazzjoni assocjata ma spezzjonijiet ecc. Hawn ghadda biex ta dettalji dwar xoghlha u ddeskriviha bhala l-*head secretary* ta' kollox. Kien hemm involuti hafna haddiema barranin li riedu permessi, akkomodazzjoni ecc. Kellha pozizzjoni fuq segretarji ohra. Hu telaq minn hemm (wiehed mill-ahhar) fl-2007 u r-Rikorrenti telqet ftit xhur qabel. F'dak iz-zmien kienet taghmel xoghol konness ma progett li qed jitlesta inkluz xoghol ta' *winding up letters*.

29. Meta telaq mill-MATER DEI beda jahdem *freelance* u wara mas-Socjeta' Intimata u kien hu li rrakkomanda lir-Rikorrenti ghal ma din. Dahlet bhala *site office secretary*. Qabel kien hemm Stephanie Farrugia ghal *document control* li hi attivita' differenti. Ir-Rikorrenti kienet anke nkarikata, fil-bidu tal-progett, torganizza cerimonja b'kollox f'idejha: tinda, riceviment, inviti ... kollox *in liason* mal-Ambaxxata Amerikana.

30. Meta x-xoghol beda ghaddej kien kull xahar jaghmel spezzjoni tal-istallazzjonijiet elettrici u dak li kien ihazzez hu kien jghaddih lir-Rikorrenti "to tabulate". Mistoqsi r-Rikorrenti kienetx tirraporta direttament lilu, l-Perit Abela kien pront jghid: *No* Marilyn kien juzaha kulhadd, *basically it is a very loose affair*. Hu, kulma kien ikollu bzonn kien idur fuqha. Kienu jfahhruha l-*project Manager* Bob Gill u l-President Joe Swyzer.

31. Ix-xhud zied jghid li r-Rikorrenti hadet sehem fil-*handover* u qal hekk:-

> *Ix-xhud David Abela: Hemm il-beneficial handover jigifieri kwazi lest u kwazi accettabbli u mbaghad hemm il-final handover jigifieri on completion u that's contractual. In that period certu xogholijiet jizdiedu ghax inti qed tipprepara hafna documenti, trid tghamilhom go files, trid*

*taghmel l-operation maintenance manuals, jigifieri there is a lot of paper work to be done which is normally handled by the secretaries ghax the engineers are all occupied. L-enginiera kollha okkupati naghmlu t-testijiet u tabulations u mbaghad ikun hemm hafna entitajiet gejjien minn barra jaghmlu t-testijiet u at the same time in-nies bdew jitilqu. So, certain issues nimmagina kienet qed tihhendiljahom mieghi wkoll ghax kont nismaghha tghid irrid naghlaq il-kuntratt ta' dak, jew telaq mill-flat, biex taghlaqlu l-kuntratt u thallas il-kontijiet.*

F'dan l-istadju ta' *winding up* ix-xoghol tas-*senior secretary* jizdied. Specjalemnt f'kaz ta' kumpanija li tkun ser titlaq minn Malta. Ix-xhud qal li sa Gunju 2011 hu kien ghadu nvolut. Jaf li kien hawn inginier tas-Siemens jaghmel it-*testing* u t-*test sheets* u talbu lir-Rikorrenti taghmilhomlu.

32. Meta r-Rikorrenti spiccat f'Jannar 2011, ix-xoghol ta' *senior secretary* bdiet taghmlu Anita Cutajar u kien hemm ukoll tfajla *part time*. Kieku kien jiddependi minnu lir-Rikorrenti kien ihalliha sal-ahhar. Hu, imma, ma kellux x'jaqsam ma *recruitment*.

33. Ix-xhud qal li hu ma kienx involut fil-kuntratt ta' xoghol tar-Rikorrenti. Izda billi kien irrikomandaha hu, kien hu li spjega lil Bob Gill l-esperjenza ta' din. Ghalkemm il-progett kellu data, fil-fatt ha izjed.

34. **Ir-Rikorrenti**, (KI 500079M) qalet li hi kienet dejjem tahdem fuq xoghol amministrativ. Bdiet ma Cutajar Ltd (importazzjoni ta' *white goods*) u wara ma Cassar Ship Repair, inkarigata mill-*payroll* ta' xi 50 impjegat. Wara li waqfet sakemm kellha tifla, imxiet ghal MATER DEI bhala "administration coordinator". Hawn tat dettalji ta' dak li kien jinvolvi dak ix-xoghol inkluz li baqghet ghaddejja sa ma saret "project secretary" fi progett ta' xi 150 haddiem direttament fuq il-progett u ma dan xi 50 ruh fl-ufficcju. (Wiehed hawn jirreferi ghax-xhieda elaborata u dettaljata taghha).

35. Semmiet ukoll kif wara x-xoghol fl-isptar gdid rriferewha lic-*chief engineers* tal-Hilton u ghamlet xoghol is-segretarja ta' dan li kienet bil-frank tal-maternita'. Wara baqghet hemm ghal aktar zmien sa ma gietha l-offerta tal-Perit David Abela ghax-xoghol f'Ta' Qali bill-kuntratt Dok MG1 datat 04.04.2008 fil-kariga ta' *senior secretary*. Hi kienet l-ewwel wahda li dahlet f'din il-kariga ghax kien ghad hemm biss tfajla zghira, Stephanie Farrugia li telqet fuq decizjoni taghha.

36. Qalet li f'Ta' Qali kienet hi li bdiet id-*documentation files* tal-impjegati u semmiet it-tahbit ghall-akkwist ta' permess tal-*expatrides* sahansitra darba kellha ccempel "lill-*first secretary* tal-Ambaxxatur tac-Cina li jiehu hsieb il-*work permits* mill-Philippini ..."

37. L-impieg taghha ntemm fit-13.01.2011. Giet avvicinata minn Janice u qalilha li kellha gimgha *notice* wara li qalilha li dan ma kienx ghax ghamlet xi xoghol hazin. Ma giex offert lilha xi xoghol *part time*. Fil-progett kien ghad fadal hafna affarijiet xi jsiru ghalkemm il-progett kien wasal lejn l-ahhar tieghu. (Hawn tat dettalji tax-xoghol li kien fadal isir) Anita Cutajar baqghet fil-post u kienet tiehu hsieb l-affarijiet tax-*shipping*. Dan xoghol li fih ir-Rikorrenti kellha hafna esperjenza tal-*winding up* meta kienet MATER DEI. Anita Cutajar baqghet lejn l-ahhar, tahdem xi jumejn, tlieta fil-gimgha.

38. Ghall-progett kien hemm inawgurazzjoni fl-04.07.2011 – l-Independence Day tal-Amerikani, u hi giet mistiedna. Hi damet bla xoghol xahrejn sa ma saret *personal assistant* tad-Direttur Manigerjali tal-Arriva Malta Ltd. Mas-Socjeta' Intimata kellha €24,000 fis-sena u mal-ARRIVA €20,000.

39. Meta giet impjegata kienu maghha vagi hafna dwar kemm kien attwalment ser idum il-progett. Qatt ma nghatat data specifika anqas fil-kuntratt tal-impieg. Fis-sekwestru nizzlet ammont ta' kemm kienet iddahhal kieku baqghet hemmhekk i.e. mal-AICI. Ghaliha l-ahhar tal-progett fisser sa ma jatu c-cwievet u l-kumpanija titlaq minn Malta. Apparti Stephanie Farrugia, dawk li telqu qabel ma kienux fuq l-amministrazzjoni.

40. Meta telqu Stephanie Farrugia u Astrid Bonnici (li marret ghalliema) xoghlhom bdiet taghmlu hi.

41. Il-gbir tax-xhieda ntemm fl-udjenza tal-14 ta' Mejju 2013 meta r-Rikorrenti tat it-tieni xhieda taghha. Hafna minnha b'izjed elaborazzjoni fuq dik ta' qabel. Hi wriet id-Dok MGG1 – *reference letter* minghand il-President tal-AICI datata 16.03.2010. Imbaghad rriferiet ghad-Dok MGG2 – *reference letter* mill-*Production Manager* tal-ABB. Fid-Dok MGG3 hemm is-CV tar-Rikorrenti.

42. Ir-Rikorrenti qalet li hi kienet hemm sew ghal dak li hu tekniku kif ukoll ghal dak li kien amministrattiv u "*shipping* kont naghmel qabel imma ma kontx nista naghmel kollox". Meta telqu Stephanie Farrugia u Astrid Bonnici l-inginier Samuel Labib kien qalilha li hi kienet l-unika segretarja li kellha konoxxenza tal-affarijiet teknici u qalilha li kellu bzonnha "biex nghinu jaghmel l-*operational and maintenance manuals*". Talabha ma titlaqx. Dana xahar qabel spiccat. Meta spiccat, xoghlha gie mqassam ma nies ohra.

## III KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL iqis kif gej wara li ezamina akkuratament il-provi mressqa quddiemu u n-NOTI ta' SOTTOMISSJONIJIET

1. Dan hu kaz li jinvolvi kumpanija barranija registrata Malta ghal ghan wiehed: il-bini tal-Ambaxxata Amerikana f'Ta' Qali. Ghall-ewwel il-kumpanija kienet

prezenti f'Malta b'ufficcju f'H'Attard, imbaghad parti minn danr mexa ghall-*office site* f'Ta' Qali sakemm eventwalment kollox stabbilixxa ruhu f'Ta' Qali.

2. Ir-Rikorrenti mpjegat ruhha permezz tal-kuntratt Dok MG1 li hu datat 4 ta' April 2008 izda l-impieg ta' *senior secretary* beda fl-10 ta' April 2008. Dan il-kuntratt kien jispecifika s-sieghat ta' xoghol (inkluz *fixed overtime*) b'salarju fix-xahar ta' €2,000, flimkien ma aggustament skond il-COLA u bonus statutorju.

3. **<u>Importanti hafna</u>** hi l-klawsola li gejja fl-istess kuntratt:

*This contract is valid until such time and for the duration of the period that AICI – SPMalta will be carrying out its operation in Malta; it will also be subject to a three month probation period. On termination you will not be entitled for any benefits, except government bonus, if due, and any leave which would not have been taken during the employment period.*

Fuq il-firma tar-Rikorrenti hemm: *Conditions agreed and accepted.*

4. Konformement ma dan il-kuntratt hemm bhala Dok MG2 l-"Engagement Form" tal-ETC.

5. Nigu mbaghad ghat-tmiem tal-impieg. Dan gie komunikat lir-Rikorrenti bl-ittra Dok MG3 datata 14 ta' Dicembru 2010 li tghid li "*...since our contractual obligation with our principals is nearing the end of its term, your position as Senior Secretary is no longer tenable and hence you are being made redundant as from 13th January 2011.*

Ghaddew imbaghad biex tawha *notice* ta' 4 gimghat, bl-impieg jintemm fit-13 ta' Jannar 2011.

6. Mela l-pozizzjoni hi li s-Socjeta' Intimata qalet li kienet ser twaqqaf lir-Rikorrenti mix-xoghol, ghax:-

a) Il-progett tal-Ambaxxata kien qed jersaq lejn tmiemu.
b) Il-pozizzjoni ta' Senior Secretary ma kienetx aktar *tenable.*
c) Ir-Rikorrenti allura giet dikjarata *redundant.*

7. Quddiem dawn il-fatti u quddiem din is-sitwazzjoni, ir-Rikorrenti qed tallega li:-

a) Mhux tassew li hi kienet *redundant*, imma din hi biss skuza u, barra dan
b) Ma giex osservat il-principju ta' *last in – first out.*

Minn naha tas-Socjeta' Intimata qed jigi sostnut li tassew kien hemm *redundancy* u tassew gie osservat il-principju *last in – first out.*

8. Ir-Rikorrenti rrizulta li hi bniedma ta' esperjenza sew f'xoghol amministrativ f'ufficju u xoghol segretarjali f'sit ta' kostruzzjoni. Dana b'dak kollu li wiehed

jistenna fiz-zewg xenarji. Kompriza l-prezenza ta’ haddiema *expatriate* li trid tahsbilhom ghal permessi specifici, akkomodazzjoni ecc.

9. Ir-Rikorrenti giet ingaggata mis-Socjeta’ Intimata wara intervisti mill-Electrical Ingineer David Abela li kien jafha fuq ix-xoghol f’MATER DEI fejn kien jahdem hu qabel hi mpjegat ruhha hemm ukoll. Dana fl-istadju li l-isptar kien qed jinbena u allura wiehed jista jghid li kien hemm tqabbil bejn il-progett ta’ Ta’ Qali u dak ta’ Tal-Qroqq.

10. Issa mas-socjeta’ Konvenuta, ghall-ewwel ir-Rikorrenti kienet tahdem fl-ufficcju ta’ H’Attard. Meta hi marret fis-*site office* ta’ Ta’ Qali tahdem qrib il-Project Manager kienet hi li ghazlet lil Anita Cutajar bhala *Commercial Secretary* bil-post tax-xoghol taghha jkun ghall-ewwel H’Attard u mbaghad kulhadd ingabar t’Ta’ Qali. L-impieg ta’ Anita Cutajar beda fis-7 ta’ April 2008.

11. Jirrizulta li r-Rikorrenti dejjem qdiet dmirijietha sew u f’dan ir-rigward tista tghid li hemm qbil unanimu. Sahansitra hi giet mistiedna meta fl-4 ta’ Lulju 2011 saret l-inawgurazzjoni ufficjali tal-progett. Hawn ta’ min iqis li qed nitkellmu minn progett li hadmu fih ghadd kbir ta’ *expatriates* u ghadd kbir ukoll (ghalkemm izghar) ta’ Maltin. Mal-erba mitt ruh b’kollox (ara d-Dok MGG1)

12. Imma dik li forsi tissigilla kollox f’dan ir-rigward hi r-“reference letter” ta’ Joseph P. Sweitzer, President u CEO tas-socjeta’ Intimata, datata March 16, 2010 li ddeskriva lir-Rikorrenti bhala s-“Senior Administrative Assistant for our construction project, US Embassy, Malta”. Semma l-komplessita’ tal-progett u ddeskriva lir-Rikorrenti bhala “an extraordinary person of considerable talent”. Zied li min isib f’idejh dik l-ittra in konnessjoni ma talba ghal impieg, sata jikkomunika mieghu ghal kull taghrif addizzjonali mehtieg dwar il-hila tar-Rikorrenti. Dana wara certifikat ferm tajjeb li kellha minghand l-*employers* ta’ qabel ACCI jigifieri l-kumpanija Svediza li kellha f’idejha xoghol fil-bini ta’ MATER DEI (ara Dok MBB2).

13. Meta gie negozjat u beda l-progett il-mira kienet li dan ikun lest f’Jannar 2010. Dan, ghal raguni jew ohra, li fiha ma tidholx ir-Rikorrenti, ma sehhx. Fil-fatt jista jitqies li l-progett tlesta f’Mejju 2011 u saret cerimonja inawgurali fl-4 ta’ Lulju 2011 (Jum l-Indipendenza tal-Istati Uniti)

14. Nafu li meta lir-Rikorrenti thabbrilha t-tmiem tal-impieg, ma giex offrut lilha xi xoghol *part time*. Hawn tidhol Anita Cutajar. Din ma ttellghatx tixhed, la minn naha u anqas minn ohra – forsi kull naha kellha r-raguni taghha ghala ma pproducietx lil din ix-xhud. B’danakollu t-TRIBUNAL irid jimxi fuq il-provi prodotti.

15. Fid-Dok JD2, fil-“List of Employees with American International Contractors Inc from 18/03/08 to 01/04/2011” tal-ETC, fl-ewwel nies insibu lil Anita Cutajar bhala ngaggata “full time” from 07/07/2008 bhala ADMINISTRATIVE SECRETARY. Sal 1 ta’ April 2011 kienet ghadha tidher fl-impieg mentri mpjegati ohra fil-lista ghandhom it-“termination date”.

16. It-TRIBUNAL ihoss, anzi hu konvint, li dak li kienet taghmel Anita Cutajar (li originarjament iddahhlet tahdem biex tkompli fuq dak li kienet taghmel ir-Rikorrenti f'H'Attard qabel din imxiet lejn Ta' Qali fejn eventwalment imxiet ukoll Anita Cutajar) kienet kapaci taghmlu r-Rikorrenti meta l-progett beda riesaq lejn tmiemu.

17. Dan ma kienx kaz fejn sew ir-Rikorrenti kif ukoll Anita Cutajar intemmilhom l-impieg flimkien u allura kien ikun, f'dawk ic-cirkostanzi, kaz car u tond ta' *redundancy*. Dan kien kaz fejn beda jonqos ix-xoghol, ma kienx hemm lok li jinzammu zewg segretarji u allura hekk jigi fis-sehh il-principju ta' *last in, first out*. Jigifieri kellha tibqa f'dak ix-xoghol ir-Rikorrenti li dahlet fl-impieg qabel Anita Cutajar. Meta nghidu "dak ix-xoghol" nifhmu xoghol segretarjali u xoghol relatat kif wiehed ihares lejn dan meta jhares lejn is-sustanza b'oggettivita u bil-*buona fede*.

## IV DECIZJONI

Meqjus dan kollu it-TRIBUNAL jiddeciedi billi, fuq ir-Rikors promotorju:-

i) **<u>Jiddikjara</u>** li l-impieg tar-Rikorrenti ntemm, b'effett mit-13 ta' Jannar 2011 bla ma gie osservat il-pincipju ta' *last in, first out* u ma kienx, fil-konfront tar-Rikorrenti, kaz ta' *redundancy*.

ii) **<u>Jilqa</u>** t-talba tar-Rikorrenti biex jinghatalha, vis-a vis is-Socjeta' Intimata "rimedju xieraq u opportun skond il-ligi".

iii) **<u>Jiddeciedi</u>** illi bhala rimedju jikkundanna lis-Socjeta' Intimata biex thallas lir-Rikorrenti Marilyn Galea il-*quantum* ta' hamest elef Ewro (€5,000.00c).

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assistita l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
Av Yana Micallef Stafrace
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**